MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 444/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Vella bin Joseph Mary u Mary Concetta nee` Cioffi imwieled Cospicua fit-13-05-1958 u joqghod 1, Triq il-Ballata, Mosta, ID 335258(M) fejn gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u cioe` gewwa l-fond matrimonjali li hu Plot 1, Triq il-Ballata, Mosta nhar is-26 ta' Novembru 2009 ghall-habta tas-2:15pm:

1. hebb ghal martu Philippa Vella u kkagunalha ferita ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Ivan Micallef Reg No: 2322
2. gab ruhu b'mod li kkaguna lill-istess martu Philippa Vella biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti/dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija tal-Kap 9 sec 251(b) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Francis Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni a favur Philippa Vella ghal perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza a tenur tal-artikolu 412C u ordnat ukoll l-allontanament tal-imputat mir-residenza ghal perjodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza a tenur tal-artikolu 412C(3)(b);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-akkuzat Francis Vella minnu prezentat fit-22 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata ghal ragunijiet legali u fattwali li jaghmlu s-sentenza nulla, invalida u ineffettiva u mhux enforzabbli jew alternativament tirriforma s-sentenza appellata billi tillibera lill-imputat appellant u f'kull kaz ma kien hemm ebda gustifikazzjoni la ghal terminu ta' prigunerija u allura ghal ebda htiega ta' sentenza sospiza u anqas ghal ordni ta' protezzjoni jew sabiex jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Din hija decizjoni fuq il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali fl-udjenza tat-8 ta' April 2011 dwar in-nullita' tal-appell odjern stante li l-appell huwa sprovvist mill-fatti fil-

qosor tal-kaz u dan skont kif mitlub mill-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali.

Fl-istess udjenza l-Avukat Generali kien issolleva wkoll in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba li t-talba kif redatta tmur kontra l-aggravji kif impostati peress li fil-fatt qed tintalab ir-riforma tas-sentenza meta l-aggravji kif impostati jitolbu li jigi liberat izda din l-eccezzjoni giet rtirata fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2011.

Fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2011 il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet limitatament fuq il-pregudizzjali dwar in-nullita' tar-rikors u l-appell thalla ghas-sentenza fuq din il-pregudizzjali.

Ma hemmx dubbju li r-rikors tal-appell xejn ma hu redatt kif inhu desiderabbli li jkun redatt b'rakkont konciz tal-fatti tal-kaz. Di fatti mkien fir-rikors ma wiehed isib mqar paragrafu wiehed li fih hemm rakkontati il-fatti saljenti tal-incident li ta lok ghall-proceduri odjerni u anqas jista' jinghad li jsib dawn il-fatti mxerrdin l'hawn u l'hinn fir-rikors tal-appell. L-aggravji principali tal-appellant, izda, jiffokaw fuq allegati nuqqasijiet formali fis-sentenza appellata li minhabba fihom l-appellant qieghed in linea principali jsostni li s-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla u l-ftit fatti li wiehed isib fir-rikors tal-appell huma ntizi sabiex isostnu din il-linja principali tal-appell. Huwa minnu li l-appellant fit-tieni lok talab li jigi liberat mill-imputazzjonijiet minhabba verzjonijiet allegatament kontradittorji izda din it-talba saret biss in linea sussidjarja. Inoltre, mill-atti processwali jirrizulta affidavit ta' PS 1061 J. Zammit li minnu jirrizultaw il-fatti piuttost semplici tal-imputazzjonijiet addebitati lill-appellant u ghalhekk, mehud kont ta' kollox, inkluzi "l-parametri tal-atti processwali kollha fil-kawza kriminali kontra l-appellant"[1] il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrikorrux l-estremi li jimportaw l n-nullita' tar-rikors tal-appell.

[1] Ara: Norman Lowell v Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et., Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Frar 2011.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali dwar in-nullita’ tar-rikors tal-appell u tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------